**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Amine Lidami Zahir**

**Illum 24 ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni deotta fil-konfront ta' **Amine Lidami Zahir** ta' sitta u għoxrin (26) sena, iben Abdelaziz u Fatima xebba Zahir, imwieled Fquih Ben Salah fil-Marokk fl-14 ta' Novembru 1997, u residenti Avda. Manolo Caracol 7, P01-D Almeria u detentur tal-Karta tal-Identità Spanjola numru 07111529K, talli fit-23 ta' Settembru 2024, għall-ħabta ta' 15.15hrs, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè screen ta' monitor ta' computer liema ħsara tammonta għal elf mija u disgħa u erbgħin Euro (€1,149) u li saret ghad-dannu ta' Car Wiz li għandhom l-uffiċini ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta 'Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lil Amine Lidami Zahir iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I" senjatament: (i) Dikjarazzjoni ta' l-imputat ta' rifjut għall-jedd tal-parir legali – Dok. "A"; (ii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat – Dok. "B"; (iii) Il-fedina penali ta' l-imputat – Dok. "C"; (iv) Fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat – Dok. "D"; (v) Rapport tal-Pulizija dwar il-każ – Dok. "E"; (vi) Fattura li turi l-ħsarat ikkawżati mill-imputat – Dok. "F"; (vii) Specifications tal-monitor mertu tal-każ – Dok. "G"; (viii) Ritratt li juri l-monitor bil-ħsara – Dok. "H"; u (ix) Ritratt li juri l-monitor il-ġdid – Dok. "I";

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġie minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu bl-iktar mod solenni l-

konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa jirrikonsidra t-tweġiba tiegħu u jmur lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkuzat talli fit-23 ta' Settembru 2024, għall-ħabta ta' 15.15hrs, ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta: (1) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioè screen ta' monitor ta' computer liema ħsara tammonta għal €1,149 u li saret ghad-dannu ta' Car Wiz li għandhom l-uffiċini ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

Huwa wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. In vista ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħatj ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat għandu fedina penali Maltija netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress li tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, senjatament il-fatt li l-imputat għandu fedina penali Maltija netta, ma jkunx spedjenti li l-imputat jingħata piena karċerarja, a tenur ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena (1) millum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ossia matul it-terminu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat minnu ammess f'dawn il-proċeduri.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**